MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2001

Numru 830/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen Gatt)**
**(Sp. Paul Vassallo)**

**vs**

**Robert Farrugia ta’ 19 sena, iben Emanuel u Mary Rose nee Ellulu, mwieled tal-Pieta’ fil-25 ta’ Settembru, 1980, u residenti fil-fond “St Joseph House”, Triq Madre Teresa, Birkirkara, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 439580 (M).**

**Illum 10 ta’ Lulju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Robert Farrugia li gie akkuzat talli fid-9 ta' Lulju, 2000 u fix-xhur ta' qabel, f'Malta, xjentement, laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe ta' parts ta' vettura tal-ghamla 'Toyota Corolla', numru ta' registrazzjoni EAW-107 ghad-dannu ta' John Agius, minn ta' Xbiex, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Rat l-ammissjoni tieghu.

Rat il-fedina penali tieghu li zgur mhux wahda refrattarja.

Issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-art 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li dan kien l-ewwel reat serju minnu kommess, ghaldaqstant f'dan l-istadju tqis li jista' u ghandu jibbenefika mit-termini tal-art 9 tal-kap 152 u ghalhekk qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mil-llum u dan wara li fehmitu l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti taht il-Kap 152.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.